KUNSILL LOKALI
SANTA VENERA

SANTA VENERA
LOCAL COUNCIL

46/19

**Is-Sitta u erbgħin (46) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar il-14 t' Ottubru, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Gianluca Falzon | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata
   (a) Budget 2016
   (b) Tenders: (1) Service of a Contract Manager
   (2) Transport Day Care Centre
   (3) Opening and Closing of Public Convenience
   (4) Upkeep of Gardens, playgrounds and soft areas
   (5) Provision for a service of a qualified Accountant
   (c) Ġieħ Santa Venera 2015
   (d) Attivita Filantropika
   (e) Attivita għal żmien il-Milied
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Mistoqsijiet bil-miktub mill-Kunsilliera
10. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
11. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fil-6.35 ta' filgħaxija.

*2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti tal-45 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti tal-45 Laqgħa**

2.2.1 **Minuta 3.2**- wara l-ewwel sentenza tiżdied sentenza oħra "Is-Sur Carabott irrimarka wkoll li l-proponenti ma kienux preżenti u l-email tan-notifika ntbagħtet mhux f'ħinijiet tal-uffiċċju."

2.2.2 **Minuta 7(b)** – Fl-aħħar tal-paragrafu tiżdied is-sentenza "Is-Sur Carabott irrimarka li l-Viċi Sindku ma kienx preżenti għall-ftuħ tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ bil-Viċi Sindku jirrispondi li dak in-nhar kien indispost."

**Fis-6.40pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Horace Anastasi**

2.2.3 **Minuta 9.2** - Fl-aħħar tal-paragrafu tiżdied is-sentenza "Ġie propost li l-għaqdiet konċernati jkunu nvoluti fid-diskussjonijiet."

**3.1. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti tal- 43 Laqgħa**

**3.1.1 Minuta 4.1** – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill applika għal Memo 22/2015 - Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għax-xahar ta' Diċembru 2015 sabiex b'hekk tkun tista' ssir l-attivita' tal-400 sena tal-Akkwadott. Huwa qal lis-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sur Silvio Vella attendew għal intervista dwar din l-attivita' u għaldaqstant il-Kunsill għadu qed jistenna konferma jekk hux ser ikollna fondi minn din l-iskema.

**Fis-6.45pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Jonathan Brimmer.**

**3.1.2 Minuta 7(b) -** Is-Sindku qal li l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ infurmah dwar it-telefonata li rċivew mingħand rappreżentant tal-Aġenzija Żgħażagħ b'konsegwenza li xekklet il-ħidma tal-Kunsill Lokali taż-żgħażagħ milli japplikaw għall-proġett biex ikunu restawrati xi niċeċ li għandna fil-lokal. Is-Sindku talab lis-Sur Brimmer biex jikkumenta. Is-Sur Brimmer qal li l-pass li jmiss hu li jorganiżża laqgħa mall-Kunsill taż-żgħażagħ sabiex tkun diskussa din il-materja u jsir rapport uffiċjali sabiex wara jkunu jistgħu jittieħdu l-passi neċessarji. F'dan il-ħin is-Sur Darren Carabott ikkummenta sabiex il-Kunsill għandu wkoll jinforma lill-awtoritajiet konċernati. Għaldaqstant ġie deċiż sabiex wara dan ir-rapport il-Kunsill ser jibagħat ittra uffiċjali lill-awtoritajiet konċernati.

**3.1.3 Minuta 9.1** – Is-Sindku nforma lill-membri li l-attivita' ta' Jum l-Anzjani saret il-Ħadd 4 t'Ottubru u l-ispiża globali kienet ta €233. Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri tal-Kunsill li l-attivita' tal-Ħarsien tal-Annimali trid tiġi posposta minħabba l-fatt li fil-15 ta' Novembru 2015 ser ikun hemm l-attivita' tal-Fun Run tal-MCCF organizzata mill-Eċċ President ta' Malta. F'dan ir-rigward minħabba li fil-ġimgħat ta' wara l-Kunsill għandu attivitajiet oħra ġie deċiż sabiex din l-attivita' issir fl-14 ta' Frar 2016.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**3.1.4 Minuta 4.6** - Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill fetaħ claim mal-insurance u b'hekk il-Kunsill għadu qiegħed jistenna komunikazzjoni minn għandhom.

Il-Membri qablu unanimament.

F'dan l-istadju (fis-7.10pm) is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt 7 (a) Budget 2016.

Il-Membri qablu unanimament

**7(a) Budget 2015**

Is-Sur Chris Farrugia spjega il-budget għas-sena 2015. Is-Sindku nforma lis-Sur Farrugia dwar xi emendi fl-allokazzjoni tal-budget.

Wara li saru dawn l-emendi mitluba mis-Sindku ma kienx hemm oġġezzjonijiet jew astenzjonijiet u kien hemm qbil unanimu fuq il-budget hekk kif kien ikkoreġut.

Fis-7.30 ta' filgħaxija s-Sur Christian Farrugia ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa

Fis-7.35 ta' filgħaxija s-Sur Horace Anastasi ġiet skużat għall-kumplament tal-laqgħa

## 4 Korrispondenza

**4.1** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand Green Pack dwar Servizz ta' ġbir ta' ħwejjeġ mill-Kunsill Lokali Santa. Is-Sindku qal li din hija nizzjattiva tajba u għaldaqstant iħoss li l-Kunsill għandu jipparteċipa sabiex noffru servizz lir-Residenti. Huwa ippropona li minħabba l-limitazzjonijiet tal-Kunsill ir-residenti jkunu nfurmati li jkunu jistgħu jġibu l-ħwejjeġ fil-Kunsill kull nhar ta' Tnejn bejn it-8.00am u 12.00pm u l-ġbir isir dak in-nhar stess fis-1:00pm.

Is-Sur Darren Carabott issekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**5 Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni**

5.1 Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

**6 Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 752 sa lment numru 762.

| | |
|---|---|
| 761 | Transport Malta |
| 762 | Ħaddiema Assenjati |
| 763 | Azzjoni ttieħdet |
| 764 | Azzjoni ttieħdet |
| 765 | Azzjoni ttieħdet |
| 766 | Transport Malta |
| 767 | Ħaddiema Assenjati |
| 768 | Transport Malta |
| 769 | Work order – Koptasin |
| 770 | Northern Clean |
| 771 | Ħaddiema Assenjati |
| 772 | Ħaddiema Assenjati |
| 773 | Hemm Work Order |
| 774 | Work order – Koptasin |
| 775 | Ħaddiema Assenjati |
| 776 | Ħaddiema Assenjati |
| 777 | Nieħdu parir mingħand il-Perit |
| 778 | Work order – Koptasin |
| 779 | Kunsill Lokali Ħamrun |
| 780 | Notifika lir-residenti |
| 781 | Work Order Central Asphalt |
| 782 | Gwardjani Lokali |
| 783 | Ikun verifikat l-isem tat-Triq |
| 784 | Ħaddiema Assenjati |
| 785 | Ħaddiema Assenjati |

**7. Ordnijiet tal-Ġurnata**

**(b)Tenders:**

***(1) Service of a Contract Manager***

Is-Sindku nforma lill-membri li f'Jannar 2016 ser jiskadu bosta kuntratti wieħed minnhom huwa l-kuntratt tal-Contract Manager għaldaqstant il-kunsill huwa obbligat li joħroġ din it-tender. Is-Sindku spjega li tiżdied klawsola f'Anness 1 li tgħid "Sketching of site plans when deemed necessary".

Is-Sindku ppropona filwaqt lis-Sur Mangani ssekonda d-dokument ta' dan it-tender tal-Contract Manager.

Il-Membri qablu unanimament

***(2) Transport Day Care Centre***

Is-Sindku nforma lill-membri li kuntratt ieħor li ser jiskadi huwa l-kuntratt tat-Transport tad-*Day Care Centre* u għaldaqstant il-kunsill huwa obbligat li joħroġ din it-tender. Is-Sindku spjega li dan it-tender m'għandux bżonn tibdiliet.

Is-Sindku ppropona filwaqt lis-Sur Mangani ssekonda d-dokument ta' dan it-tender tat-Trasport tad-*Day Care Centre.*

Il-Membri qablu unanimament

***(3) Opening and Closing of Public Convenience***

Is-Sindku nforma lill-membri li f'Jannar 2016 ser jiskadi wkoll il-kuntratt tal-*Opening, Closing and Cleaning of Public Convenience* għaldaqstant il-kunsill huwa obbligat li joħroġ din it-tender. Is-Sindku spjega li dan it-tender bżonn ikun modifikat kif ġej:

*"Doors, walls and windows are to be washed and cleaned at least once a week or frequently as deemed necessary."*

*"Public Convenience should be painted at least once a year, material cost to be borne by the Contractor."*

*"Water and Electricity bills to be borne by the Contractor and should be settled within 10 days from invoice date".*

*Winter u Summer time tiżdied il-frażi "including also Public Holidays".*

Is-Sindku ppropona filwaqt lis-Sur Vella ssekonda d-dokument ta' dan it-tender tal-Opening and Closing of Public Convenience.

Il-Membri qablu unanimament

(4) *Upkeep of Gardens, playgrounds and soft areas*

Is-Sindku nforma lill-membri li f'Jannar 2016 ser jiskadi wkoll il-kuntratt tal-*Upkeep and maintenance of all public gardens, playgrounds, playingfields, recreational sites and soft areas*. Is-Sindku spjega fid-dettal il-modifakzzjonijiet li jeħtieġu jkunu attwati f'din it-tender.

Is-Sindku ppropona filwaqt lis-Sur Vella ssekonda d-dokument ta' dan it-tender tal-ġonna, playgrounds u soft areas.

Il-Membri qablu unanimament

(5) *Provision for a service of a qualified Accountant*

Is-Sindku rrimarka li l-Accountant preżenti għandu jingħata estenzjoni tal-Kuntratt b'sitt xhur dan minħabba l-fatt li l-kuntratt tiegħu jgħalaq f'Jannar 2015 fiż-żmien meta il-Kunsill ikun għaddej bl-awditjar tiegħu.

Is-Sindku ppropona filwaqt lis-Sur Brimmer ssekonda l-proposta tas-Sindku.

Il-Membri qablu unanimament

**(c) Jum Santa Venera**

Is-Sindku nforma lill-membri li f'Jum Santa Venera ser tiġi ċċelebrata quddiesa fil-Knisja l-Matriċi fis-6 pm. Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li l-preżentazzjoni tal-Ġieħ ser issr 14 ta' Novembru fis-7.15 pm fis-sala tad-Dar Qalb ta' Gesu' minħabba l-fatt li f' din il-ġurnata f'Dar Ħanin Samaritan hemm attivita' oħra.

Is-Sindku nforma lill membri li bħas-sena l-oħra wara li jingħata l-Gieħ Santa Venera ikun hemm bibita. Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li l-Kunsill ser jieħu ħsieb il-kiri tas-sala, il-orchestra żgħira, Grecia Bezzina, fotografu, token għar-rebbieħ u n-nominati, l-ikel u x-xorb, l-pin tal-pavru għar-rebbieħ u l-fjuri.

Is-Sur Jason Mangani ssekonda l-proposta tas-Sindku filwaqt li l-membri l-oħra qablu unanimament.

Is-Sindku fakkar li Jum it-Tifkira ser tkun iċċelebrata l-Ħadd 8 ta' Novembru, 2014 fejn wara ser jitpoġġa rand quddiem il-lapida li tfakkar lill-vittmi tal-Gwerer li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Fuq proposta tal-Viċi Sindku, is-Sindku qal li din is-sena ser issir ċerimonja ta' tqegħid tal-fjuri fuq qabar Kommunitarju ~~tal~~-Vendirzi fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.
tat-Terzjari Karmelitani

Il-Membri qablu unanimament.

**Ġieħ Santa Venera 2015**

Is-Segretarju ppreżenta u qara r-rapport tal-Kumitat tal-Ġieħ lill-membri kollha. Is-Segretarju nforma lill-membri li n-nominati għall-Ġieħ Santa Venera 2015 huma s-Sur Benny Muscat, it-Tabib Michael Azzopardi, is-Sur Philip Chircop, Is-Sur Charles Muscat b'żewġ nominazzjonijiet, Is-Sur Jason Grech u s-Sur Salvu Farruiga . Is-Segretarju informa lil kulħadd li wara li saret analiżi skont il-linji gwida, il-Kumitat b'mod unanimu qiegħed jirrakomanda lis-Sur Charles Muscat sabiex ikun hu r-rebbieħ ta' Ġieħ Santa Venera 2015.

Il-Membri kollha qablu unanimament mar-rakkomandazzjoni.

**(d) Attivita' Filantropika**

Is-Sindku nforma lill-membri li hemm il-ħsieb sabiex issir attivita' filantropika sabiex il-Kunsill jgħin lill-Għaqda tal- ALS imwaqqfa minn Bjorn Formosa li għamel żmien minn tfulitu jgħix f'Santa Venera. Is-Sindku rrimarka li hu flimkien mal-Kunsillier Sivio Vella diġa għamlu kuntatt mal-Għaqdiet tal-Lokal fejn huma wrew interess għal din l-attivita'. Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li minħabba l-impenji li l-Kunsill għandu fil-ġimgħat li ġejjin ser tkun impossibli li din l-attivita' issir din is-sena.

Is-Sur Darren Carabott irrimarka li meta l-Kunsill iltaqa' mal-Għaqdiet kien bix-xieraq li l-Kunsilliera kollha jkunu preżenti għal din il-laqgħa u jkunu inklużi sotto-kumitati oħra.

Is-Sindku nforma lis-Sur Carabott li dik il-laqgħa kienet informali u l-ħsieb kien biex jara x'jaħsbu l-Għaqdiet fuq din l-attivita'.

Il-Membri kollha qablu unanimament.

(e) Attivita għal żmien il-Milied

- Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-festin tal-Milied għat-tfal. Is-Sindku rrimarka li għal din is-sena għandu l-ħsieb li dan il-festin isir fil-premises Bacchetta Magica li tinsab fi Triq il-Kbira San Gużepp. Is-Sindku talab lis-Segretarju sabiex iġib il-kwotazzjoni mingħand id-Direttur tal-Bacchetta Magica.

  Il-Membri qablu unanimament.

- Is-Sindku nforma lill-membri li għal din is-sena għandu x-xewqa sabiex il-Kunsill jipprovdi Father Christmas sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu jixtru ir-rigali lill-uliedhom u jġibuhom il-kunsill. F'ġurnata partikulari qabel il-Milied il-Father Christmas jieħu r-rigali kollha mill-Kunsill u jkun jista' jmur iqassamhom lit-tfal fid-djar.

Il-Membri qablu unanimament.

- Is-Sindku nforma lill-membri li għal żmien il-Milied għandu l-ħsieb sabiex din is-sena issir attività ta' Knisja Parrokjali. Huwa qal li aktar informazzjoni ser tingħata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Il-Membri qablu unanimament.

## 8 Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati

Ġew ippreżentati l-minuti tal-għaxar u l-ħdax -il laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi.

## 9. Mistoqsijiet bil-miktub mill-Kunsilliera

Is-Sindku talab lis-Sinjura Elizabeth Vella biex taqra l-mistoqsija li hija għamlet.

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda dokument bit-tweġiba għal din il-mistoqsija.

## 10. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

10.1 Is-Sindku nforma lill-membri li fid-9 u l-10 ta' Novembru 2015 ser tingħata t-titqiba tal-injezzjoni tal-Influweza mis-Sur Alfred Attard ġewwa iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

Il-Membri qablu unanimament.

10.2 Is-Sindku nforma lill-membri li waslitlu talba sabiex iżewweġ koppja minn Santa Venrea fil-bini Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-Membri qablu unanimament.

10.3 Is-Sindku nofrma lill-membri li talab lill-Contract Manager sabiex terga' issir pjanta tal-parkeġġ ta' Triq Galanton Vassalli. Wara li saret din il-pjanta rriżulta li bil-pjan il-ġdid ser ikunu jistgħu jiżdiedu 8 parkeġġi ġodda. Huwa kompla billi qal li jekk kulħadd jaqbel ser tinħareg work order sabiex isir dan ix-xogħol.

Il-Membri qablu unanimament.

10.4 Is-Sindku rrimarka li fi ġnien Romeo Romano hemm problema tad-dawl u għaldaqstant il-Kunsill talab lill-Contract Manager sabiex issir pjanta ta' kemm il-flood light hemm bżonn sabiex dan il-ġnien ikun imdawwal b'hekk inkunu qed innaqsu l-abbuzi li qed ikun hemm. Is-Sindku qal li hemm bżonn madwar 9 u10 flood lights li fuq stima li għandna dawn jiswew madwar €38 il-waħda.

Is-Sindku ppropona li jsir dan ix-xogħol filwaqt li kien issekondat mis-Sur Silvio Vella filwaqt li l-Membri qablu unanimament.

10.5 Is-Sindku nforma lill-membri dwar proposta oħra sabiex isiru korsijiet f'livell avvanzat tad-dekorazzjonijiet tal-kejkijiet. Liema kors ser isir bħal ma' saru it-tnejn preċedenti fil-kumpless Umberto Calosso. Il-kors jiswa €450 għal 10 lezzjonijiet. Is-Sindku qal kull persuna ser tħallas €45.

Il-Membri qablu unanimament.

10.6 Is-Sindku fakkar lill-membri li s-Sibt 17 t'Ottubru 2015 ser issir il-laqgħa plenarja tal-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali.

F'dan il-ħin is-Sindku talab lill-membri li skont kif stipulat fil-liġi l-ħin tal-Laqgħa kien ser jiskadi u li kien fadallu tlett (3) komunikazzjonijiet li jrid iressaq fuq il-mejda. F'dan ir-rigward is-Sindku staqsa lill-membri li jew issir estenzjoni tal-laqgħa b'20 minuta jew inkella jaġġorna għat-tkomplija tal-Laqgħa għal ġurnata oħra.

Is-Sindku flimkien mal-membri kollha preżenti qablu unanimament sabiex titkompla l-Laqgħa u għaldaqstant tiġi estiża b'20 minuta.

10.7 Is-Sindku nforma lill-membri li irċieva talba mingħand il-Fondazzjoni Wirt Vendriż sabiex fi Frar 2016 f'Misraħ il-Barrieri jkun kommemorat bust ta' Dun Xand Cortis . Is-Sindku qal li l-ispejjeż tal- Kunsill ser ikunu l-ispiża peritali u l-ispiża tal-permessi.

Is-Sindku ppropona li jsir dan il-bust filwaqt li kien issekondat mis-Sin. Elizabeth Vella filwaqt li l-Membri qablu unanimament

10.8 Is-Sindku nforma lill-membri li l-istima tall-progett tal-Palazz l-Aħmar ser tiswa madwar €246K, fejn €70k ser jittieħdu mill-iskema tal-Awtorita' tad-Djar, €60K ser jintużaw mill-fond tal-UIF, €60k mill-fond tal-flus li l-Kunsill tal-LES u €70k l-oħra ser jinħargu mill-kunsill. Is-Sindku żied jgħid li huwa tal-fehma sabiex ma din l-ispiża inżidu wkoll l-ispiża tas-CCTV cameras sabiex b'hekk innaqsu l-abbuż għal-vandalizmu. Is-Sindku qal li jekk ser ikun hemm qbil il-proġett ser jiskatta immedjatament mal-MEPA sabiex jinġiebu l-permessi meħtieġa.

Is-Sindku ppropona li jsir dan il-progett filwaqt li kien issekondat mis-Sur Jonathan Brimmer filwaqt li l-Membri qablu unanimament.

10.9 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Laqgħa Annwali tal-Kunsill ser issir il-Ħadd 29 ta' Novembru, 2015 fl-10 ta' filgħodu ġewwa l-bini Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-Membri qablu unanimament.

**11 Aġġornament**

**KUNSILL LOKALI**
**SANTA VENERA**

**SANTA VENERA**
**LOCAL COUNCIL**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar l-Erbgħa 12 ta' Novembru, 2015 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.55 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum:

Ionfermati llum: 12|11|2015

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt